# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2016

Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex l-isport ikun okkażjoni ta' fraternità u jagħti s-sehem tiegħu għall-paċi fid-dinja**.

**Ninġabar:**

Insib post għall-kwiet, nidħol fil-preżenza ta' Alla u nitolbu sabiex jieħu l-kontroll ta' ħsibijieti f'dawn il-mumenti... Nimmaġina li qed f'post fejn hemm nies ta' razza differenti jipprattikaw l-isport flimkien... Nieħu l-ħin biex nosserva l-wicc ferrieħi ta' dawn in-nies.

**Fatt ċkejken:**



Aya (quddiem fin-nofs) mat-tim tagħha.

Aya Deeb, tfajla Palestinjana ta' ħmistax-il sena tgħix f'raħal jismu Bait fil-wesgħa ta' Ġerusalemm. Hi tilgħab ma' tim tal-*basketball* bl-isem *All Stars*, fi ħdan l-għaqda *Peace Players International.* It-tim tagħha jħaddan fih plejers kemm Palestinjani kif ukoll Lhud. L-għaqda *Peace Players International* tippromovi l-paċi permezz tal-isport f'pajjizi fejn hemm il-ġlied.

Aya tirrakonta li għall-ewwel kienet beżgħat tkun parti minn dan il-programm minħabba li l-Lhud u l-Palestinjani għandhom mentalità u lingwa differenti. Però ġara li Toot, waħda mill-plejers Lhud, stiednet lit-tim kollu d-dar tagħha. Għall-ewwel Aya ma xtaqetx tmur, iżda meta marret, il-ġenturi ta' Toot għenu lill-membri kollha tat-tim biex iħossuhom komdi u ferħana. Permezz ta' din iż-żjara, ilkoll ħassew li ngħaqdu iktar bħala tim u, bi sforz kbir minn kulħadd, ħadu tagħlima ta' kif jikkollaboraw aktar flimkien.

Aya tgħid li s-sajf li għadda kien żmien diffiċli ħafna f'Ġerusalemm minħabba li reġgħet qamet il-vjolenza u wara l-gwerra. Hi qalet: "Kien żmien fejn ħadd ma kien iħossu protett jew fis-sigurtà u kont saħansitra nibża nitla' fuq tal-linja. Kien perjodu fejn il-*Peace Players* għamlu l-ħajja iktar faċli għalina. *Peace Players* għenna biex ma nħallux li r-razziżmu, d-diskriminazzjoni u l-vjolenza jagħmlu impatt fil-ħajja tagħna ta' kuljum." Hi qalet li tgħallmet li anke jekk għandna reliġjon u lingwa differenti, aħna lkoll bnedmin. L-importanti li nirrispettaw u nippruvaw nifhmu lil xulxin.

**Naħseb ftit:**

Min jaf kemm id-dinja tkun aħjar, kieku n-nazzjonijiet flok ma' jonfqu l-flus u l-enerġija fl-armamenti u gwerer, joħolqu okkażżjonijiet fejn iċ-ċittadini tagħhom jingħaqdu flimkien biex jipprattikaw l-isport u b'hekk ikun hawn iktar fraternità u paċi fid-dinja!

**Nitlob:**

Mulej, nitolbuk sabiex aktar tfal u żgħażagħ japprezzaw il-valur tal-isport! Agħmel li nies ta' kwalunkwe reliġjon jew razza jersqu aktar lejn xulxin billi jipprattikaw l-isport flimkien u b'hekk jitgħallmu jirrispettaw lil xulxin u jsolvu l-konflitti flimkien.

**Kliem ta' dawl:**

L-isport għandu l-qawwa li jibdel id-dinja. Għandu l-qawwa li jgħaqqad lin-nies b'mod li xejn iktar ma jista' jagħmel hekk. L-isport jista' jqajjem it-tama fejn qabel kien hemm id-disperament.

Nelson Mandela

**X'nista' nagħmel:**

Inħajjar lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jipprattikaw l-isport.

Inħajjarhom jilagħbu ma' tfal u żgħażagħ li huma ta' razza jew ta' reliġjon oħra.